## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR MARIO XIBERRAS) V. DAREN DEBONO (KI. 247477M)

(RIFJUT TAX-XHUD LI JIXHED META HEKK MITLUB MILL-QORTI – KAP. 9, ART. 522(2))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**21 ta' Frar 2022**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Daren Debono, detentur tal-karta tal-identità numru 247477M imwieled il-Pietà u residenti fl-Aġenzija tas-Servizzi Korrettivi, Kordin, Paola ("l-imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat illi fis-seduta tal-preżentata l-Qorti *inter alia* ordnat li in vista tal-Artiklu 522 (5) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tkun hi kif presjeduta illi tisma x-xhieda kollha u tgħaddi għas-sentenza mal-ewwel opportunita` possibbli,

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni,

wara li rat li l-imputat għażel li ma jixhidx u li ma' jressaqx xhieda,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni finali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Mario Xiberras, u
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Edward Gatt

qed tagħti din is-

### Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat taħt arrest fis-seduta tat-18 ta' Frar 2022 bis-segwenti imputazzjonijiet u ċioe talli nhar is-17 ta' Frar, 2022, għall-ħabta tas-2.30 pm, waqt il-prosegwiment tal-kumpilazzjoni nru. 690/2010/1, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincent Muscat, f'Awla nru. 11, fl-edifiċju tal-Qorti, Valletta, quddiem il-Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D.:

    1. bħala xhud, ma riedx jaħlef jew jixhed, meta hekk meħtieġ mill-qorti u

    2. rrenda ruħu reċidiv b'diversi sentenzi definittivi mogħtija mill-Qrati ta' Malta.

2. Fl-istess seduta l-Qorti ordnat li in vista tal-Artiklu 522 (5) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tkun hi kif presjeduta illi tisma x-xhieda kollha u tgħaddi għas-sentenza mal-ewwel opportunita` possibbli.

3. Dan il-każ jitratta r-reluttanza tal-imputat milli jixhed meta mitlub jagħmel hekk mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja fil-kawża fl-ismijiet **"Il-Pulizija v. Omissis u Vincent Muscat"** sewwasew fis-seduta tas-17 ta' Frar 2022. L-imputat kien oriġinalment ser jibda għaddej ġuri flimkien ma' ċertu Vincent Muscat fil-bidu ta' Jannar 2022 akkużat b'numru ta' reati in konnessjoni ma' *hold-up* li sar fil-fergħa ewlenija tal-HSBC Bank Malta p.l.c. ġewwa Ħal Qormi fit-30 ta' Ġunju 2010. Wara li ntlaħaq patteġġjament l-imputat ammetta għall-akkużi miġjuba kontrih (b'waħda minnhom tkun kwalifikata) u ngħatat sentenza fil-konfront tiegħu mill-Qorti Kriminali. L-istess Qorti bagħtet l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja sabiex din tiġbor xhieda ġdida u ċioe sabiex tisma t-testimonjanza tal-imputat qabel ma' jibda l-ġuri tal-imsemmi Vincent Muscat.

4. Quddiem il-Qorti tal-Maġistrati l-imputat ħa l-pedana tax-xhieda, ingħata l-ġurament u ddikjara illi huwa kien ser jixhed biss fil-konfront ta' Vincent Muscat u li ma' kienx lest jixhed fuq nies oħra. Il-Qorti wissietu għal diversi drabi li kien qiegħed hemm sabiex jixhed il-verità kollha u sabiex jirrispondi għad-domandi kollha li qed isirulu. Huwa wieġeb għal xi mistoqsijiet dwar l-involviment tiegħu fil-*hold-up* iżda meta imbagħad ġie mistoqsi mill-Prosekuzzjoni u mill-Qorti għal diversi drabi sabiex jgħid min kienu ż-żewġ persuni apparti l-imsemmi Muscat illi daħlu fil-bank huwa rrifjuta li jagħmel dan peress illi fi kliemu ried jipproteġi lill-familja tiegħu. Il-Qorti għalhekk issospendiet ix-xhieda tiegħu u vverbalizzat is-segwenti:

*"F'dan l-istadju stante li huwa ċar li x-xhud ħa ġurament li jgħid il-verità iżda qed ikun selettiv f'dak li qiegħed jixhed u fuq domandi speċifiċi rrifjuta li jirrispondi u insista fir-rifjut u ommissjoni fix-xhieda tiegħu l-Qorti qegħda ai termini tal-Artiklu 522 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-arrest immedjat tiegħu u ai termini tas-subinċiż 3 tal-artiklu 522 tordna illi fi żmien 48 siegħa l-Pulizija għandha tressqu quddiem il-qorti kompetenti taħt is-subartiklu 2 tal-Artiklu 522 u tordna ukoll li ai termini tal-Artiklu 522(5) tali proċedura titmexxa b'urġenza ... Il-Qorti wara li għamlet dak mitlub minnha ai termini tad-digriet tal-Qorti Kriminali tas-7 ta' Frar 2022 qed tirrimanda l-atti lill-Qorti Kriminali".*

5. Fis-seduta tat-18 ta' Frar 2022 xehed l-**Ispettur Mario Xiberras** li kkonferma illi wara li l-Pulizija rċeviet id-digriet imsemmi mill-Qorti tal-Maġistrati huma minnufih arrestaw lill-imputat u ttieħed sabiex jiġi interrogat fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Floriana. Ix-xhud spjega illi l-imputat ġie mgħarraf bid-drittijiet kollha tiegħu inkluż id-dritt tas-silenzju u d-dritt li jikkonsulta ma' avukat qabel u waqt l-istqarrija tiegħu u li l-imputat iffirma dikjarazzjoni *inter alia* quddiem l-Ispettur li kien qiegħed jirrifjuta dan l-aħħar jedd (Dok A). L-imputat stqarr mal-Pulizija illi l-kawża kienet fil-konfront ta' Vincent Muscat u għalhekk huwa kien lest biss li jsemmi lilu u mhux lil terzi persuni. Huwa tenn quddiem il-Pulizija li ried jipproteġi lill-familja tiegħu. Ma' wieġeb xejn dwar jekk irċeviex xi theddid jew inkella jekk ġiex offrut xi rigal sabiex jagħmel dak li għamel quddiem il-Qorti. In kontroeżami l-Ispettur qal illi l-imputat tressaq il-Qorti skortat minn tal-inqas tmien uffiċjali tal-Pulizija li wħud minnhom kienu armati u lebsin *bullet-proof vests*. L-Ispettur spjega li dan sar fuq ordni tiegħu stess peress illi dan huwa każ partikolari u li fiċ-ċirkustanzi huwa ħass illi n-nies tiegħu kellhom jiġu protetti.

6. Fl-istess seduta xehed ukoll is-Surġent **PS90 Jeffrey Gerada**, stazzjonat is-CID, li kkonferma l-firma tiegħu bħala xhud fuq id-dikjarazzjoni ta' rinunzja għal parir legali minn avukat li ġiet rilaxxjata mill-imputat qabel ma' tteħditlu l-istqarrija (Dok A). Dan sar ukoll fil-presenza tal-Ispettur Mario Xiberras u ta' PC 1191 Jonathan Galea Polidano. Qal ukoll li l-istqarrija ġiet irreġistrata b'mod *awdjo-viswali.*

7. Xehed ukoll l-**Ispettur Joseph Mercieca** li spjega li huwa l-uffiċjal investigattiv u mexxa l-prosekuzzjoni fil-kumpilazzjoni kontra Vincent Muscat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati. Huwa kkonferma dak li seħħ fis-seduta tas-17 ta' Frar 2022. Huwa

ppreżenta ukoll kopja tas-sentenza mogħtija fil-konfront tal-imputat mill-Qorti Kriminali fis-6 ta' Jannar 2022 (Dok JM1) u kopja tal-verbal tas-seduta ta' dakinhar (Dok JM2) li minnu jirriżulta illi l-imputat kien formalment irrinunzja għall-appell minn dik is-sentenza. In kontroeżami l-Ispettur qal illi l-Pulizija kienet offriet protezzjoni u sigurtà lill-imputat. Spjega illi kienet il-Maġistrat illi ssospendiet ix-xhieda tal-imputat u kkonferma illi huwa kellu iżjed x'mistoqsijiet x'jagħmel lix-xhud oltre minn mistoqsija dwar min kienu ż-żewġ persuni li daħlu ma' Vincent Muscat fil-fergħa tal-HSBC Bank Malta p.l.c. ġewwa Ħal Qormi fit-30 ta' Ġunju 2010.

8. Xehdet ukoll **Nadia Ciappara**, Deputat Reġistratur fil-Qorti Kriminali, li kkonfermat bil-ġurament id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Joseph Mercieca.

9. Xehed **Angelo Buttigieg**, Deputat Reġistratur, illi kkonferma l-verbal tas-seduta li saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja fis-17 ta' Frar 2022 (Dok B) kif ukoll it-traskrizzjoni tax-xhieda tal-imputat li kien ħa ħsieb jagħmilha huwa stess. In kontroeżami x-xhud qal illi l-kawża ma' kienetx ġiet differita imma l-Qorti rrimandat lura l-atti lill-Qorti Kriminali.

10. Finalment xehed **PC1191 Jonathan Galea Polidano** illi kkonferma illi l-imputat kien irrilaxxa l-istqarrija fil-presenza tiegħu u li filfatt huwa kien iffirma bħala xhud flimkien ma' PS90 Jeffrey Gerada u l-Ispettur Mario Xiberras.

11. L-imputat għażel li ma' jixhidx u li ma' jressaqx xhieda.

**Il-liġi**

12. L-Artikolu 522 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra kif ġej:

*'522 (1) Il-qorti tista' fid-diskrezzjoni tagħha tmexxi lejn is-sewwa kull xhud li jħawwad fix-xiehda tiegħu, billi twissih, iżżommu mwarrab għalih waħdu, jew ukoll billi tordna l-arrest tiegħu.*

***(2) Kull xhud li ma jkunx irid jaħlef jew jixhed meta hekk meħtieġ mill-qorti jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux inqas minn elfejn u tliet mitt euro (€2,300) iżda mhux iżjed minn erbat elef u sitt mitt euro (€4,600) jew priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.***

*(3) Il-qorti li quddiemha ix-xhud ma jkunx irid jaħlef jew jixhed għandha tordna l-arrest tax-xhud u għandha tordna lill-Pulizija biex fi żmien tmienja u erbgħin siegħa mill-arrest tressaq lix-xhud quddiem il-qorti kompetenti akkużat b'reat taħt is-subartikolu (2).*

*(4) Meta x-xhud akkużat kif imsemmi fis-subartikolu (3), f 'kull żmien qabel tingħata sentenza finali fir-rigward tiegħu, jagħti x-xiehda tiegħu bil-ġurament quddiem il-qorti li quddiemha tkun meħtieġa dik ix-xiehda u fi stadju li fih il-qorti tkun tista' tirċeviha, dak ix-xhud ma għandux jeħel il-piena ta' priġunerija iżda għandu jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' multa li ma tkunx aktar minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69).*

*(5) Kull proċedimenti kriminali in esekuzzjoni ta' ordni tal-qorti taħt is-subartikolu (3) għandhom jitmexxew bl-urġenza.'*

13. Dan l-artiklu ġie emendat inizjalment permezz tal-Att III tal-2002 wara li l-Qorti Kostituzzjonali permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Giovanni Psaila v. L-Avukat Ġenerali** (Rik. Nru. 579/97, 17/01/2001) kienet sabet li l-Artiklu 522(2) kif kien dak iż-żmien kien leżiv tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrent inkwantu dik id-disposizzjoni ma kienetx tipprovdi li tali detenzjoni ma setgħetx teċċedi ż-żmien li fih tkun qed tinstema l-kawża li fiha hu jkun ġie msejjaħ biex jixhed. Tali artiklu kien *inter alia* jagħti l-fakolta' lill-Qorti illi tordna d-detenzjoni ta' xhud li ma' jkunx irid jixhed. Fid-dibattiti parlamentari qabel ma' ġie introdott l-Att III tal-2002 kien ingħad is-segwenti:

*"Dr. Tonio Borg: Jekk wieħed iħares lejn artiklu 522 tal-Kodiċi Kriminali jsib li l-qorti għandha dritt li tarresta xhud reluttanti għal żmien indefinit u jekk xhud ma jkunx irid jirrispondi għal xi domanda, il-qorti għandha kull dritt u awtorita` li żżommu arrestat, jekk hemm bżonn anke għal sitt xhur, għalkemm il-liġi ma tispeċifikax limitu. Fil-fatt darba kien hemm każ ta' dan it-tip - kien involut ċertu Giovanni Psaila - u l-qorti kienet iddikjarat li dak l-artiklu jmur kontra l-Kostituzzjoni u kontra l-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-fatt il-liġijiet tal-pajjiżi Ewropej u anke mhux Ewropej, kollha jistabilixxu żmien definit ta' kemm wieħed jista' jinżamm arrestat, minbarra l-liġi Maltija. Il-Qorti Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem kemm-il darba qalet li l-Belġju, l-Awstrija, l-Ingilterra u l-Olanda, li kellhom liġi simili għal tagħna, kellhom ibiddluha. Għalhekk f'Jannar li għadda, il-qorti kostituzzjonali ddeċidiet li artiklu 522 għandu jiġi emendat, u hawnhekk aħna għandna opportunita` tad-deheb biex indaħħlu din l-emenda. Sal-bieraħ stess kien hemm maġistrati li arrestaw xi*

*xhieda minħabba dan l-artiklu, u dan minkejja li ġie ddikjarat li dan l-artiklu jmur kontra d-drittijiet tal-bniedem. Meta jien u avukati oħra nippruvaw infehmu lil xi maġistrat li dan l-artiklu jmur kontra d-drittijiet tal-bniedem, jgħidulna li l-ġudikatura taġixxi skond x'tippermetti l-liġi. Iżda jien insostni li ġaladarba dan l-artiklu ddikjarat uncostitutional, il-maġistrati u l-imħallfin għandhom l-obbligu li ma japplikawhx, u tajjeb li l-parlament jibgħat dan il-messaġġ permezz ta' emenda. Fil-fatt diġa` tkellimt*
*mal-Ministru dwar dan u l-Ministru qabel miegħi li għandna nirranġaw din l-anomalija.*[1]"

*" ONOR. TONIO BORG: Sur President, din hija konsegwenza ta' kawża kostituzzjonali fejn persuna li rrifjutat illi tirrispondi domanda leġittima li saret lilha fi proċedimenti kriminali nżammet taħt arrest. Ghalkemm il-persuna in kwestjoni ma kenitx akkużata b'reat, spiċċat inżammet żmien twil taħt arrest sakemm marret tixhed. Din il-persuna baqgħet tirrifjuta li tixhed u allura qamet il-kwestjoni fuq jekk il-liġi kriminali hijiex kostituzzjonali peress li m'għandhiex limitu fuq kemm xhud li ma jridx jixhed jista' jinżamm f'detenzjoni. Il-qorti kostituzzjonali ddeċidiet favur il-persuna in kwestjoni u allura aħna qegħdin nagħmlu din l-emenda.*[2]

**Kunsiderazzjonijiet**

14. Fit-trattazzjoni finali tiegħu l-abbli avukat difensur tal-imputat saħaq illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni ma' tista' qatt tinstab ħtija taħt l-Artiklu 522(2) għaliex m'huwiex il-każ li l-imputat ma' riedx jixhed b'mod assolut quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja u *semmai* huwa kellu jitressaq akkużat b'reat ravvizat taħt artikolu ieħor tal-liġi. Il-Qorti ma' tistax taqbel ma' dan l-argument. Xhud li jieħu l-ġurament tax-xhieda huwa tenut jwieġeb għad-domandi kollha li jsirulu salv għal dawk l-eċċezzjonijiet elenkati b'mod speċifiku fil-liġi fosthom id-dritt illi ma' jixhidx jekk it-tweġiba tista' ġġibu taħt proċess kriminali[3]. Meta l-imputat għal diversi drabi rrifjuta li jwieġeb għal domanda speċifika mill-Prosekuzzjoni u mill-Qorti b'dak l-aġir huwa rrenda ruħu ħati ta' ksur ta' dan l-artikolu tal-liġi.

---

[1] Id-Disa' Parlament, Seduta nru. 567, It-Tlieta 3 ta' Lulju 2001 (Plenarja)
[2] Id-Disa' Parlament, Laqgħa Nru. 125, L-Erbgħa 6 ta' Frar 2002 (Kumitat)
[3] Kap. 9, Art. 643

15. Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni l-prova dwar ir-reċidiva teħtieġ minimament prova dwar il-kundanna jew kundanni preċedenti tal-imputat (*inter alia* permezz tal-esebizzjoni ta' vera kopja tas-sentenza/i in kwistjoni, prova dwar il-konnotati u prova dwar li s-sentenzi jkunu tabilħaqq għaddew in ġudikat). Kif ġie ritenut diversi drabi mill-Qrati tagħna l-fedina penali waħedha m'hijiex suffiċjenti sabiex tissodisfa din il-prova iżda tiswa biss bħala għodda sabiex tiġi kkalibrata l-piena:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tiġi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` … l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tiġix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati …."*[4]

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkużata bir-recidiva."*[5]

F'din l-aħħar sentenza intqal ukoll mill-Prim' Imħallef Emeritu Vincent De Gaetano illi *"il-Qorti tal-Magistrati m'ghandhiex tipprova taghmel tajjeb ghan-nuqqasijiet tal-Pulizija Ezekuttiva fil-mod kif din tikkonduci l-prosekuzzjonijiet taghha. M'ghandhiex lanqas, ghax sentenza precedenti kontra l-istess individwu tkun inghatat minn dik il-*

---

[4] **Il-Pulizija v. Jason James Agius** (Qorti tal-Appell Kriminali, 105/2001 PV, 05/11/2001)
[5] **Il-Pulizija v. Joseph Zahra** (Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), 272/2002 VDG, 24/02/2003)

*Qorti presjeduta mill-istess Magistrat, tissostitwixxi dik il-konoxxenza ghall-htiega tal-prosekuzzjoni li tipprova anke l-imputazzjoni tar-recidiva beyond reasonable doubt kif suespost"*

16. Issa fil-każ in dezamina l-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fis-6 ta' Jannar 2022 fil-konfront tal-imputat liema sentenza tinkludi l-konnotati rikjesti mill-liġi però imbagħad ma' ressqet l-ebda prova dwar jekk is-sentenza in kwistjoni kienetx għaddiet *in ġudikat.* Tressqet prova madanakollu permezz tal-verbal esebit bħala Dok JM2 illi l-imputat kien irrinunzja għad-dritt tal-appell minn dik is-sentenza. Fix-xhieda tiegħu li ta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti Istruttorja, liema xhieda ġiet esebita u kkonfermata bil-ġurament fl-atti ta' din il-kawża, l-imputat kien ikkonferma ukoll fuq mistoqsija tal-Prosekuzzjoni illi huwa ma' kienx appella minn dik is-sentenza. Huwa minnu illi strettament ma' tressqitx l-aħjar prova illi l-imputat ma' appellax minn dik is-sentenza (u l-ebda prova dwar jekk l-Avukat Ġenerali appellax) iżda din il-Qorti tqis illi m'hemm assolutament l-ebda dubbju dwar dan il-fatt mhux l-anqas għaliex is-seduta li saret quddiem il-Qorti ta-Maġistrati Bħala Qorti Struttorja, u ċioe l-fatt illi saret fiż-żmien li saret, hija minnha nnifisha konferma, jekk qatt kien hemm bżonn, illi s-sentenza msemmija ma' kienet ġiet appellata minn ħadd. Il-prinċipju fi qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali ta' sejbien ta' ħtija lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa ismu miegħu. F'dan il-każ m'hemm l-ebda dubbji, wisq inqas dubbji raġjonevoli, f'moħħ il-Qorti illi jistgħu jimmilitaw kontra s-sejbien ta' ħtija tal-imputat ta' din l-imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**

17. Fit-trattazzjoni finali tiegħu l-abbli avukat difensur issottometta mingħajr preġudizzju illi f'każ li ssib ħtija l-Qorti m'għandiex tinfliġġi piena karċerarja stante illi ħadd ma' jista' jlum lill-imputat illi għażel illi ma' jixhidx sabiex jipproteġi lill-familja tiegħu.

18. Il-Qorti għal darb' oħra ma' tistax taqbel iżjed u iżjed fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ. L-obbligu ta' xhud li jixhed u l-kontroll assolut tal-Qorti fuq ix-xhud li timponilu sabiex jixhed huwa prinċipju fundamentali fil-liġi li ma' jsibx eċċezzjonijiet (ħlief dawk provduti mill-liġi) u l-ebda Qorti m'għandha titratta ksur ta' dan l-obbligu b'mod leġġer altrimenti tkun qed timmina l-awtorità tagħha hija

stess. Jeżistu alternattivi oħra – ipprovduti anke mill-liġi - illi jistgħu ikunu ta' soljev u li joffru protezzjoni adegwata lill-imputat sabiex ikun jista' jagħti x-xhieda tiegħu.

**Deċiżjoni**

19. **Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-Art. 31, l-Art. 522(2), l-Art. 49 u l-Art. 50 al-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li ssib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni, issibu reċidiv skond it-tieni imputazzjoni u bl-applikazzjoni ta' żieda bi grad tikkundannah piena karċerarja ta' sitt xhur kif ukoll multa ta' erbat elef u sitt mitt euro (€4,600).**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur